# ŻEWĠ POETI ŻGĦAŻAGĦ

## BIANCARDI U PISANI *

Kull min iħobb il-poeżija Maltija ma jistax ikun li ma tqanqalx u ma tgħaxxaqx bil-poezija tas-Sur Nikol Biancardi u tas-Sur Ġorġ Pisani fil-"Pronostku Malti" u f'bnadi oħra (1). Dak li ħasset qalbhom u l-ħsebijiet sbieħ tagħhom għarfu juruhom tajjeb fil-versi mqabbla li kitbu.

Fil-poeżija ta' Biancardi tidher l-aktar it-tenerezza ta' qalbu, magħġuna b'fehmiet fuq il-ħajja. Iżda l-isbaħ nar li jixgħel qawwi f'qalb Biancardi jidher fil-versi mexxejja tiegħu: "Lil Ommi". F'dil-poeżija il-għannej infexx f'għanja ta' mħabba lejn ommu u jgħidilha mal-ewwel b'għożża kbira li f'qalbu ma tmut qatt:

Jekk hawn ħliqa fid-dinja
li f'qalbi ma tmut qatt,
hija int, o maħbuba ommi,
li tisboq lil kullħadd.

Int, igħannilha l-poeta:

Għallmtni nħobb is-sewwa,
wissejtni fil-ħażin,
urejtni l-morr u l-ħelu
bi kliem imsofħi u bnin.

Wara li jfisser ukoll li fin-niket ta' żgħożitu, fi ħdanha biss isib il-faraġ, narawh jersaq ħdejn ommu bid-dmugħ f'għajnejha u jitlobha bħal tifel ċkejken b'dal-kliem sabiħ li jqanqal 'il-qlub:

Hekk... ma, ħallini ngħaxxex
in-nar li nħoss ġo fija!
Ħallini nbusek! Busni
bħal meta kont tarbija.

Fil-poeżija ta' Pisani jidhru l-aktar ix-xbihat ta' ħsiebu marbutin ukoll ma tagħrif fuq ġrajjiet Malta ta' qabel l-istorja. Pisani wera l-isbaħ dehriet ta' ħsiebu fil-poezija tiegħu "Lil Filfla". Dan ingħiduh għaliex fid-deskrizjoni tal-gżira, weħidha

---

* Din il-kitba hi tħarriġa żgħira ta' żagħżugħ li juri l-impressjonijiet li jagħmlu fuqu żewġ poeti żgħażagħ.

(1) Hsiebna kien li niktbu fuq Biancardi u Pisani. Mill-bqija, sew fil-"Pronostku Malti" u kemm band'oħra qrajna versi ta' oħrajn ta' min isemmihom ukoll.

fost il-qilla tal-mewġ, il-għannej lemaħ xbiha ta' żgħożitu, titħabat qalb il-mewġ tal-ħajja, u b'hekk stajna nieħdu xi ħjiel ta' ruħ il-poeta li għanna lil Filfla hekk ukoll:

Bħalek ma qalbi daru
L-irwiefen koroħ tal-bnedmin għajjura,
Saħqu 'l qalbi fl-inħasa ta' tbatija
Ta' qalb neħħewlha s-sura.

U għext ġranet tal-biża
Mitluf f'baħar qalil ta' qżież u tbajja,
Bdejt nisħet lill-bnedmin, nisħet lid-dinja,
Nisħet sa tiegħi l-ħajja

Imbagħad fl-istrofa ta' wara l-għannej jisma' l-kelma tal-Mulej u jistabar fil-waqt li qiegħed f'riġlejh id-dmugħ u d-dwejjaq tiegħu biex jaħfer lil min ħaqru. Fl-ewwel żewġ versi ta' din l-istrofa il-ħsieb donnu mhux marbut għal kollox għalkemm tifhmu wkoll! Fl-aħħar, fil-għażla tal-kliem: id-*dija* u ***rebbiegħa*** li ma jaqblux għal kollox fir-rima naraw liċenzja poetika tal-poeta li temm dil-poeżija sbejħa billi, jaħseb fuq Filfla bl-isbaħ xewqat:

U ħsibt: Il-Mulej twajjeb
Li f'qalbi radd tal-ferħ u s-sliem id-dija
Jibgħat fi ħnientu wkoll lil Filfla sbejħa
Il-bnazzi tar-rebbiegħa.

F'poeżija b'mistoqsijiet rettoriċi " L-Ilsien Malti", Biancardi wera mħabbtu għal-Lsien Malti. Fil-versi "Ħsebijiet" u "Rajtek Ja Warda" dan il-għannej xebbaħ 'il-mewġ tal-baħar u 'l-warda mat-taħbit, niket u l-ferħ f'ħajjet-il-bniedem. F'poeżija oħra lirika: "Lil Ħamiema" wera kemm jixtieq jittajjar bi ħsiebu fuq ġwinħajha, il-fuq: "bogħod mill-ħsejjes ta' din l-art qarrieqa" kif ried igħid ukoll fil-poeżija sbejħa: "Ward u Xewk" fejn fisser kif fi tfulitu d-dinja kien jaħsibha ward u ħolma sbejħa u mbagħad meta kiber mal-ward ta' tfulitu sab xewk li jniggeż: Fil-bnedmin beda jara ħażen u qerq li biddlu l-ferħ tiegħu f'mrar u ħsebijiet ta' mibegħda. Tkun fejn tkun issib xi nies li jmaqdru biss, għajjurin u saħansitra għedewwa. Iżda l-għannej li qatt ma ried jaf b'mibegħda donnu jistenna li d-dinja tista' tissaffa minn nies bħal dawn biex fl-aħħar jati ġidu li huwa qalb safja kif fisser fl-aħħar strofa:

U meta d-dinja minn da' n-nies tissaffa
niftaħ il-bwieb ta' sidri w b'qalbi f'idi
imweġġgħa, mtertqa, bħal qlub safja kollha.
lil kull maħluq ingħid: "Hudha... din ġidi!"

Fil-għanja b'versi jdoqqu "Lil-Poeżija" Biancardi wera li jħobb il-poeżija għaliex fiha jitnissġu ġrajjiet taż-żgħożija u l-ġmiel tal-ħolqien bħalli kieku b'daqq ħelu tal-arpa u bi lwien tal-pittura. U għaliex b'hekk tnessih lid-dinja msejkna, erħilu jgħannilha :

Rikkibni fuq il-ġwienaħ
b'kull lewn imżewqa tiegħek,
agħfasni u rossni f'drieghek
u tir il-fuq, il-fuq
fejn moħħ qasir u dgħajjef
ma jkunx jista' jilmaħna,
ma jkunx jara ħlief daħna-
li fl-art tħallih mitbuq

F'poeżija b'metru ġerrej : "Lill-Imħabba" Pisani tgħaxxaq b'kull imħabba l-aktar b'dik ta' wieħed li ħafer lill-għadu li darbu sewwa. F'sunett sbejjaħ "Lil Lsien Malti", fil-versi "Ħelsien" u fil-poeżija "Għasfur Ċkejken" wera kemm iħobb 'il Lsien Malti, x'ġibda għandu għal-beraħ tal-kampanja u ħsebijiet għoljin. Fil-poeżija "Għasfur Ċkejken" wera wkoll x'ħajr għandu għal-poeżija kif naraw f'din l-istrofa :

Ibqa' miegħi, int tnebbaħni
Deħriet kbar ta' versi ġodda,
Bik ma' ġenbi l-għanja tiegħi
Fi kliem isbaħ jiena nroddha
Lilna t-tnejn il-ħolqien ħalla
Dmir li nxandru l-kobor t'Alla.

Fil-poeżija "Lejla Ta Frar" Pisani fisser tajjeb kemm hi bla ħajr u kerha lejla ta' Frar b'xita u ragħad, personifikata minnu mad-dwejjaq u l-qtigħ ta' qalb fil-ħajja tal-bniedem. Iżda meta jiftakar fiż-żrieragħ mirdumin jistennew żmienhom biex iħaddru, il-poeta jintela bit-tama u jgħidilna :

Hekk it-tama ġewwa qalbna
X'ħin tax-xitwa jgħaddi ż-żmien,
Tidher tħaddar b'xewqat ġodda
Tifrex dellha kullimkien.

Fit-tliet sunetti marbutin f'poeżija sbejħa : "Lil Żagħżugħ Raħli" Biancardi ftakar fil-ħajja safja tal-irħula, bgħid mill-ibliet fejn bosta ħażen isemmem qalb il-bniedem. Fit-tieni sunett igħid liż-żagħżugħ raħli li fil-belt tilmaħ bosta xebbiet li jisthu jħarsu lejn ħaddejn oħtu kollha saħħa u bieżla; għalhekk iwiddeb liż-żagħżugħ biex jitħenna b'oħtu x'ħin tkun taqsam miegħu l-ħidma fir-raba' u jibqa' fil-għorfa jisma' 'l-ġrajja li jtenni

x-xwejjaħ missieru. Biex ifehmu aħjar itennilu: "Tersaqx lil hawn..." u jfissirlu fi ftit kliem il-qerq tal-ħajja beltija:

Hawnhekk żagħżugħ m'hawnx ħlief hena qarrieqa
li ma tixbaħx lis-safa tas-smewwiet:
*hawn tilmaħ fomm daħkan b'qalb kollha dieqa.*

Il-kelma *hena* hija ta' ġens raġel. Għalkemm il poplu jgħid: *hena qarrieqa* kif kiteb Biancardi, il-kelmiet huma sewwa: *hena qarrieq*. Tgħid din liċenżja poetika tal-għannej?! Hi kif inhi il-poeżija tajba xorta waħda fil-ħsieb! Iżda aħna nemmnu li l-irqaqat tal-grammatka Maltija 'għandna nqisuhom kemm jista' jkun fil-poeżija wkoll! Il vers: *"Hawn tilmaħ fomm daħkan b'qalb kollha dieqa"* għoġobna wisq, għaliex juri tajjeb fi ftit kliem il-ħsieb tal-poeta. Fl-aħħar terzini fakkar liż-żagħżugħ fis-skiet tar-raħal u jgħidlu bi ħlewwa ta' ħsieb:

Indifen hemm: hemmhekk tista' tmut b'sabrek
u l-ħelwa għasafar b'għana li jgħaxxik,
jinżlu kull-jum bil-weraq jiksu qabrek.

Fil-poeżiji sbieħ "Ħaġar Qim" u "Il-Ġgantija t'Għawdex" li għandhom minn xulxin, Pisani wera xbihat tiegħu marbutin ma' ħjiel fuq ġrajjiet mill-eqdem tal-ewwel nies f'Malta. Iżda aħna jidhrilna li "Il-Ġgantija t'Għawdex" tolqot 'il-qalb aktar mill-oħra. Pisani jibda jgħidilna li taħt id-dawl tal-qamar fil-lejliet sajfija, il-Ġgantija toħlom li qiegħda tara: nisa, tfal u rġiel ħerġin imdejjqa minn għerejjex fil-qrib b'leħen jidwi li l-Allat iridu fis xbejba li tmut għalihom biex b'hekk jinqered il-għaks fost l-imsejkna li għall-leħen beżgħu u qabdu jibku. Il-għannej, imbagħad jissokta jgħanni hekk:

'Mma f'dik il-ħamba kollha
X'ħin kien kullħadd tal-hemm jitbekka l-ħsara
Tfajla, xuxtha ta' deh'b, għajnejha żoroq,
Toħroġ fin-nofs musfara.

U għajtet b'leħen għoli:
"La darba xejn għal dan ma jiswa drieghi
Natihom jien 'l Allat ħajti u xbubiti
Immut għal-Għawdex tiegħi."

Imbagħ'd il-midbaħ daħħan
U bdew l-għanjiet tal-mewt fix-xejn merħija,
It-tnabar bdew bil-ħlewwa l-aħħar daqqa: (1)
Ixxarbet l-art bid-dmija.

---

(1) Dal-vers ġibnieh kif kien imfisser f'"Leħen Is-Sewwa" tal-21 ta' Ottubru 1933, u m'hux kif deher b'xi żbalji fil-"Pronostku Malti".

U l-għada Għawdex ħaddar bil-qmuħ u ġwież u feraħ kullħadd. Dan hu li toħlom il-Ġgantija, jgħid fl-aħħar il-poeta f'dil-poeżija li għanna b'ħeffa bi kliem mill-isbaħ.

Fil-poeżija ta' Biancardi, il-qalb ħadmet aktar mill-moħħ. Il-ħsieb ma kienx dejjem ġdid għalkemm għoli u sabiħ. Fil-poeżija tiegħu Pisani ġie li wera aktar ħjel u tifsir tal-qedem tagħna milli tqanqil ir-ruħ, għalkemm il-moħħ ħadem dejjem. Biancardi kiteb mit-tiġrib ta' ħajtu u fuq xejriet il-ħajja. Għalhekk il-poeżija tiegħu hija naturali u ħafifa sikwit. Pisani kiteb l-aktar minn ħsebijiet fuq fdalijiet qodma tal-ġżejjer tagħna. Għalhekk fil-poeżija tiegħu naraw ukoll fantasija. Fejn hu tqil biex tifhmu l-armonija tal-versi tħajrek taqrahom darbtejn u b'hekk fejn ma tifhimx mall-ewwel, tifhem mat-tieni.

Biancardi u Pisani qabblu u kitbu bis-sengħa t-tnejn, tneħħi xi nuqqasijiet 'l-hawn u 'l-hemm li jagħmilhom kullħadd! Fil-poeżija tagħhom naraw ħsieb sabiħ, ruħ li tifhem, xbihat ħelwa u qalb li taf tħoss. Għalhekk minngħajr ma nqisu jew nistħajlu li wieħed għandu jaqbel f'kollox ma fehmietna, aħna jidhrilna li Biancardi u Pisani huma żewġ poeti, u żewġ poeti żgħażagħ li għarfu tassew il-ġmiel u s-setgħa ta' Lsienna.

Mario Agius.

Villa Lia.